



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.9.2016
COM(2016) 554 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
l-applikazzjoni mill-Iżvezja – EGF/2016/002 SE/Ericsson**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-"Regolament tal-FEG").
2. Fil-31 ta' Marzu 2016, l-Iżvezja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2016/002 SE/Ericsson għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara għoti ta' sensji² f'Ericsson fl-Iżvezja.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma sodisfatti.

SINTEŻI TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2016/002 SE/Ericsson
Stat Membru	L-Iżvezja
Ir-reġjuni kkonċernati (il-livell NUTS 2 ³)	Stokkolma (SE11), Östra Mellansverige (SE12), Sydsverige (SE22), Västsverige (SE23)
Id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	il-31 ta' Marzu 2016
Wasla tat-traduzzjoni	it-18 ta' April 2016
Id-data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	il-31 ta' Marzu 2016
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	it-2 ta' Mejju 2016
Id-data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	it-13 ta' Ġunju 2016
Id-data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	il-5 ta' Settembru 2016
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
L-intrapriża primarja	Telefonaktiebolaget LM Ericsson
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	1
Is-settur/i tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni ta' NACE Reviżjoni 2) ⁴	Id-Diviżjoni ta' NACE 2 Diviżjoni 26 (Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniki u ottiċi)

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

L-għadd ta' sussidjarji, fornituri u produtturi downstream	0
Perjodu ta' referenza (erba' xhur):	mill-11 ta' Settembru 2015 sal-11 ta' Jannar 2016
L-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	1 244
L-għadd ta' sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza (b)	312
L-għadd totali ta' sensji (a + b)	1 556
L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	1 556
L-għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	918
L-għadd ta' żgħażagħ fil-mira barra mill-impjeg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ (NEETs)	0
Il-baġit għas-servizzi personalizzati (f'EUR)	6 161 480
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (f'EUR)	435 051
Il-baġit totali (f'EUR)	6 596 531
Il-kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (f'EUR)	3 957 918

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fil-31 ta' Marzu 2016, l-Iżvezja ressqet l-applikazzjoni EGF/2016/002 SE/Ericsson fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fl-istess data. Fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet it-traduzzjoni tal-applikazzjoni, fit-2 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Iżvezja. Din l-informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni sħiħa li matulha l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tiskadi fil-5 ta' Settembru 2016.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-impriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma' 1 556 ħaddiem li ngħataw is-sensja minn Ericsson (Telefonaktiebolaget LM Ericsson). Ericsson topera primarjament fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 26 (Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniki u ottiċi) u 62 (Programmar tal-kompjuter, konsulenza u attivitajiet relatati). Is-sensji mogħtijin minn Ericsson saru primarjament fir-reġjuni tal-livell 2 ta' NUTS ta' Stokkolma (SE11) u Östra Mellansverige (SE12), iżda anki fi Sydsverige (SE22) u Västsverige (SE23).

L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza

⁵ Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza		
Ericsson		1 556
L-għadd totali ta' intrapriżi: 1	L-għadd totali ta' sensji:	1 556
L-għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet:		0
L-għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli u persuni li jaħdmu għal rashom:		1 556

Kriterji ta' intervent

6. L-Iżvezja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jitlob li tal-inqas 500 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża ta' Stat Membru.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur tal-applikazzjoni huwa mill-11 ta' Settembru 2015 sal-11 ta' Jannar 2016.
8. Is-sensji matul il-perjodu ta' referenza huma kif ġej:
 - 1 244 ħaddiem li ngħataw is-sensja f'Ericsson.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Is-sensji mogħtija matul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati kif ġej:
 - 1 244 mid-data li fiha min iħaddem innotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi ppjanati, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE⁶. L-Iżvezja kkonfermat qabel id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, li dawn l-1 244 sensja saru tabilħaqq.

Benefiċjarji eliġibbli

10. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmev, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 312-il ħaddiem li ngħataw is-sensja qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur. Dawn il-ħaddiema kollha ngħataw is-sensja wara t-tħabbira ġenerali dwar is-sensji ppjanati li saret fil-11 ta' Settembru 2015. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensji matul il-perjodu ta' referenza. L-awtoritajiet Żvediżi ddikjaraw li dawn is-sensji lkoll kienu parti mill-istess proċedura ta' għoti ta' sensji, iżda ċerti sensji thabbiru biss wara li ntemm il-perjodu ta' referenza.
11. Għaldaqstant, in-numru totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 1 556.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andament tal-kummerċ dinjin minħabba l-globalizzazzjoni

12. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andament tal-kummerċ dinjin minħabba l-globalizzazzjoni, l-Iżvezja targumenta li s-sensji seħħew fil-linja tan-negozju tal-produzzjoni tal-hardwer tat-telekomunikazzjoni ta' Ericsson.
13. Fl-aħħar snin, Ericsson ikkonċentrat ħafna mill-produzzjoni tal-hardwer u l-faċilitajiet tal-iżvilupp tagħha fl-Asja, fejn mhux biss jinsabu l-iktar swieq ta' tkabbir b'saħħithom, iżda tista' tiġi pprovduta kwalità ekwivalenti b'inqas spejjeż.

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

14. Studju dwar l-Esternalizzazzjoni fl-Ewropa ("Outsourcing in Europe") li sar minn Ernst & Young⁷ sab li l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' żvilupp hija partikolarment prevalenti fl-industriji tal-informatika u t-telekomunikazzjoni. L-Asja tiddomina bħala destinazzjoni tal-esternalizzazzjoni.
15. Skont id-dejta ppubblikata minn Ericsson⁸, il-kumpanija kienet ilha tnaqqas b'mod gradwali l-persunal fl-Iżvezja (minn 21 178 fl-2005 għal 17 858 fl-2014), iżda fl-istess ħin kienet qed tikber ħafna madwar id-dinja (minn 56 055 fl-2005 għal 118 055 fl-2014), bl-Indja li bħalissa hija l-pajjiż bl-ikbar numru ta' impjegati.
16. It-trade union Żvediża Unionen tiddikjara li Ericsson għadha qiegħda timpjega nies ġodda fl-Ewropa, iżda dawk biss li għandhom sett kompletament differenti ta' ħiliet. L-impjegati b'ħiliet fil-produzzjoni u l-iżvilupp tal-hardwer ġeneralment ma jergħu jgħu impjegati mill-kumpanija⁹. Ħafna mit-tkabbir tal-kumpanija llum ġej mill-iżvilupp tas-softwer tagħha. Għalkemm ċertu żvilupp tas-softwer isir fl-Ewropa, ħafna mit-tkabbir f'dan is-settur għadu qiegħed iseħħ fl-Asja wkoll¹⁰, fejn Ericsson qiegħda tespandi l-attivitajiet tagħha¹¹.
17. Sal-lum, is-settur tan-NACE 2 Diviżjoni 26 għadu s-suġġett ta' 14-il applikazzjoni oħra tal-FEG, li 11 minnhom huma bbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ u 3 fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali¹².

Avvenimenti li wasslu għal sensji u waqfien ta' attività

18. L-avvenimenti li wasslu għal dawn is-sensji huma l-għeluq parzjali jew għalkollox tal-linji tal-produzzjoni tal-hardwer tat-telekomunikazzjoni bla fili f'diversi siti ta' Ericsson (Borås, Karlskrona, Kista/Stockholm, Kumla, Linköping u Gothenburg) fl-Iżvezja, u l-għeluq ta' impjant sħiħ fil-belt ta' Katrineholm.
19. Billi kienet qiegħda taffaċċja tkabbir li qiegħed jistaġna u fl-istess ħin kompetizzjoni aktar ħarxa mal-produtturi Asjatiċi, Ericsson bdiet tnaqqas il-produzzjoni tal-hardwer tat-telekomunikazzjoni, proċess li beda kważi għoxrin sena ilu. Il-kumpanija biegħet il-linja sħiħa tagħha tal-produzzjoni u tal-iżvilupp tat-telefowns ċellulari lill-kompetitur Sony fi Frar 2012. Ericsson qiegħda tikkonċentra l-linji tal-produzzjoni tal-hardwer li fadlilha fis-siti tal-produzzjoni fl-Asja.
20. Imbagħad, fl-ewwel sitt xhur tal-2015, Ericsson ħabbret it-telf ta' 1 611 impjieg f'seba' siti fl-Iżvezja. Peress li wħud mill-impjegati diġà kienu laħqu l-età ta' rtirar, dawn mhux qed jingħaddu fin-numru ta' sensji, li jimplika tmiem prematur tal-impjieg. Għaldaqstant, l-Iżvezja rrapportat li 1 556 ħaddiem ingħataw is-sensja. Fil-11 ta' Settembru 2015, Ericsson innotifikat lill-awtoritajiet Żvediżi bil-miktub dwar is-sensji kollettivi ppjanati.

⁷ [http://www.ey.com/Publication/vwLUAssets/Outsourcing_in_Europe_2013/\\$FILE/EY-outsourcing-survey.pdf](http://www.ey.com/Publication/vwLUAssets/Outsourcing_in_Europe_2013/$FILE/EY-outsourcing-survey.pdf)

⁸ http://www.ericsson.com/thecompany/investors/financial_reports/2014/annual14/en/Otherinformation/Tenyearssummary.html

⁹ <http://unionenopinion.se/analyser/varsel-pa-ericsson-och-sony-mobile-vad-hander-i-telekombranschen-egentligen/>

¹⁰ <http://cio.idg.se/2.1782/1.630340/sa-sourcar-svenska-cio-er-2015>

¹¹ <http://www.forbes.com/sites/greatspeculations/2015/08/19/ericsson-can-overcome-challenges-in-the-mobile-infrastructure-business/#77e6e5cb128d>

¹² <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=4558&langId=en>

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

21. L-impatt mistenni tas-sensji fuq is-swieq tax-xogħol lokali u reġjonali jvarja ħafna minn reġjun għal ieħor. Mal-ewwel daqqa t'għajn, l-impatt jista' jidher minimu, speċjalment f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni. Madankollu, b'mod ġenerali, ir-reġjuni kollha jaffaċċjaw il-problemi li grupp relattivament kbir ta' ħaddiema kbar fl-età bi sfondi simili ngħata s-sensja fl-istess waqt. Ħafna minn dawn il-ħaddiema ma għandhomx il-ħiliet imfittxijin fis-suq tax-xogħol lokali. L-ispariġġ fil-ħiliet jinħass l-aktar f'Kista, il-belt bl-ikbar numru ta' sensji (762 ħaddiem). Għalkemm Kista tinsab fiż-Żona ta' Stokkolma l-Kbira, reġjun b'ekonomija ferm dinamika, rati tal-qgħad baxxi, u ħafna impjegi disponibbli, aktar minn 400 ħaddiem mogħti s-sensja kienu għadhom qiegħda fi żmien il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-finanzjament tal-FEG. It-titjib tal-ħiliet jew it-taħriġ mill-ġdid ta' numru daqstant kbir ta' ħaddiema kbar fl-età bi sfond simili ħafna, huwa l-ikbar sfida li qegħdin jaffaċċjaw l-awtoritajiet lokali. F'ċerti reġjuni, pereżempju f'Karlskrona, in-numru ikbar ta' migranti li għadhom kif jaslu jixħtu pressjoni addizzjonali fuq is-suq tax-xogħol lokali.
22. Arbetsförmedlingen, is-servizz pubbliku tal-impjegi tal-Iżvezja, wettaq analiżi tas-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol fir-reġjuni affettwati, u ddiskuta l-ħtiġijiet mal-awtoritajiet lokali u mal-unions. Bħala riżultat ta' dan, il-gvern Żvediż iddeċieda li jiffoka l-assistenza possibbli tal-FEG b'mod partikolari fuq is-siti ta' Kista, Katrineholm u Kumla, peress li dawn qegħdin jaffaċċjaw l-ikbar sfidi. Madankollu, se tiġi offruta għajna fuq bażi individwali lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fis-siti l-oħrajn ukoll.
23. Kemm il-ħaddiema manwali kif ukoll daww mhux manwali huma affettwati mis-sensji. Il-ħaddiema manwali jaffaċċjaw suq tax-xogħol b'domanda kemxejn baxxa fl-industriji tal-manifattura tradizzjonali. Is-servizz pubbliku tal-impjegi tal-Iżvezja jara opportunitajiet potenzjali għal dawn il-ħaddiema fl-industriji tas-servizzi tas-settur pubbliku jew privat, li, madankollu, ikunu jeħtieġu sforzi kbar ta' taħriġ mill-ġdid. Is-sitwazzjoni hija ftit differenti għall-ħaddiema mhux manwali. Ħafna minnhom huma inġiniera, speċjalizzati fil-produzzjoni u fl-iżvilupp ta' hardwer tat-telekomunikazzjoni, u anki f'niċeċ li huma uniċi għal Ericsson. Għad hemm domanda għolja għall-inġiniera, anki u b'mod partikolari fis-settur tal-informatika, primarjament fil-programmazzjoni u fl-iżvilupp tas-software. Għalkemm il-persunal mhux manwali li ngħata s-sensja juri li għandu affinità kbira mas-settur tal-informatika b'mod ġenerali, ħafna minn dawn l-eks impjegati ta' Ericsson ma għandhomx il-ħiliet meħtieġa. Is-servizz pubbliku tal-impjegi tal-Iżvezja huwa kunfidenti li pakkett ippersonalizzat ta' programmi ta' taħriġ u kkwċjar se jippermetti sabiex ħafna minn dawn l-impjegati li ngħataw is-sensja jsibu impjegi ġodda ta' kwalità għolja.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

24. L-għadd stmat ta' ħaddiema mogħtija s-sensja li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 918. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija	Numru ta' benefiċjarji fil-mira
------------	---------------------------------

Sess:	Irġiel:	643	(70,0 %)
	Nisa:	275	(30,0 %)
Ċittadinanza:	ċittadini tal-UE:	918	(100,0 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	0	(0 %)
Grupp età:	15-24 sena:	0	(0 %)
	25-29 sena:	22	(2,4 %)
	30-54 sena:	589	(64,2 %)
	55-64 sena:	307	(33,4 %)
	aktar minn 64 sena:	0	(0 %)

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

25. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:

A Konsulenza u Gwida dwar il-Karriera:

Valutazzjoni fil-fond u ppjanar individwali: Dan il-proċess ta' reġistrazzjoni jinkludi sħarriġ tal-esperjenza u tat-taħriġ preċedenti, u huwa mħaffef għall-benefiċjarji tal-FEG. Dan jista' jinkludi bosta laqgħat personalizzati u individwali, li wħud minnhom jistgħu jkunu ma' kumpaniji ta' rikollokament.

Konsulenza ta' gwida: L-attivitajiet standard offruti minn Arbetsförmedlingen se jiġu kkombinati ma' miżuri tal-FEG bħal appoġġ individwali f'kuntatt dirett mal-impjegaturi potenzjali, laqgħat ta' motivazzjoni u konferenzi li jippreżentaw is-suq tax-xogħol fir-reġjun. Dawn huma partikolarment importanti għal dawk il-ħaddiema fil-mira li jqisu li l-livell edukattiv tagħhom mhuwix biżżejjed għall-postijiet tax-xogħol battala identifikati fir-reġjun. Se jiġu offruti attivitajiet individwali kif ukoll fi grupp.

Ikkowċjar motivanti u ppjanar tal-karrieri: Il-benefiċjarji tal-FEG se jkollhom aċċess għal esperti fit-terapija konjittiva sabiex tissaħħilhom il-motivazzjoni. Barra minn hekk, se tiġi organizzata sensiela ta' konferenzi. Matul dawn il-konferenzi, il-benefiċjarji se jiġu informati dwar l-aħħar żviluppi fis-suq tax-xogħol u huma mistednin jiddiskutu l-ħiliet tekniċi u l-ħiliet personali meħtieġa. L-għan ta' dawn il-konferenzi huwa li jipprovdu l-motivazzjoni meħtieġa sabiex jegħlbu l-isfidi tas-suq tax-xogħol. Dawn il-miżuri huma miftuħin għall-benefiċjarji mmirati kollha, b'enfasi speċjali fuq il-parteċipanti ta' 50 sena u aktar.

B Impjieġ protett u appoġġat u miżuri ta' riabilitazzjoni:

Dawn il-miżuri huma mmirati għal benefiċjarji b'kundizzjonijiet tas-saħħa jew indebolimenti. Miżuri bħal dawn jistgħu jinvolvu l-evalwazzjoni tal-kapaċità għax-xogħol ta' individwu, miżuri li jibnu jew isaħħu l-kapaċità għax-xogħol ta' individwu jew ix-xiri ta' apparati ta' appoġġ u t-taħriġ dwarhom meħtieġa sabiex jingħelbu l-isfidi fuq il-post tax-xogħol.

C Edukazzjoni u taħriġ:

Is-servizz pubbliku tal-impjiegi tal-Iżvezja joffri firxa ta' korsijiet għal gruppi speċifiċi fil-mira. Minbarra dawn, se jiġu offruti korsijiet personalizzati għall-benefiċjarji tal-FEG. Dawn jinkludu korsijiet akkademiċi u korsijiet ferm speċjalizzati oħrajn b'durata ta' 12-il xahar jew aktar. Barra minn hekk, se jiġi offrut appoġġ individwali lill-partekipanti b'diżabilitajiet relatati mat-tagħlim (huwa stmat li madwar 5 % tal-benefiċjarji li jieħdu sehem fil-miżuri ta' taħriġ u ta' edukazzjoni se jeħtieġu assistenza speċjali). Se jitwettaq sforz speċjali biex jitkissru l-ostakoli tradizzjonali bejn is-sessi u sabiex tingħata motivazzjoni, pereżempju, lill-benefiċjarji rġiel sabiex isibu xogħlijiet fis-settur tal-kura tas-saħħa. Se jingħataw korsijiet ta' tħejjija għal dawk li qegħdin jipprevedu li joħolqu negozju minn esperti esterni li jipprovdu pariri lill-imprendituri futuri. Fil-kuntest tal-prinċipju tat-tagħlim tul il-ħajja, il-partekipanti f'miżuri kofinanzjati mill-FEG se jiġu offruti wkoll l-opportunità li jiksbu kompetenzi permezz ta' tagħlim formali u informali vvalidat b'mod uffiċjali.

Se jiġu organizzati programmi ta' internship li joffru l-possibbiltà li t-taħriġ prattiku jingħaqad flimkien ma' wħud mill-programmi tal-edukazzjoni formali. Hija ppjanata kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjoni tal-impjegaturi tal-Iżvezja għas-settur tal-informatika.

D Benefiċċji għal meta wieħed ikun qed ifittex impjieg:

Dan jiġi pprovdut lill-benefiċjarji li jieħdu sehem fi kwalunkwe waħda mill-miżuri attivi deskritti hawn fuq. Il-livell tal-benefiċċju jiddependi minn fatturi individwali u jvarja skont id-durata tal-miżuri. Hemm tliet tipi differenti ta' benefiċċji, wieħed għan-nies li jieħdu sehem fil-miżuri ġenerali, wieħed għan-nisa fi programmi ta' internship, u wieħed għan-nies li jieħdu sehem f'miżuri ta' riabilitazzjoni. Il-baġits għal dawn il-benefiċċji jinkludu r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-benefiċjarji li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom marbutin mat-tiftix ta' impjieg jaqbu s-SEK 600 (ekwivalenti għal madwar EUR 64) fix-xahar.

26. L-azzjonijiet proposti, deskritti hawnhekk, jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
27. L-Iżvezja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-impriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tiegħu post dawn l-azzjonijiet.
28. Il-miżuri proposti se jikkontribwixxu għal żvilupp ekonomiku sostenibbli. Skont il-Kodiċi Ambjentali tal-Iżvezja, Arbetsförmedlingen huwa obligat jinkludi t-tħassib ambjentali fis-sejħiet għall-offerti tiegħu u fl-azzjonijiet proprji tiegħu. B'hekk, il-miżuri offruti huma konformi mal-Kodiċi Ambjentali tal-Iżvezja u jikkontribwixxu għas-16-il Objettiv tal-Kwalità Ambjentali tal-Iżvezja.

Baġit stmat

29. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 6 596 531, li jinkludu nefqa ta' EUR 6 161 480 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 435 051 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
30. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mingħand il-FEG hija ta' EUR 3 957 918 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (ċifri mqarriba għall-eqreb numru) (EUR)	Spejjeż totali stmati (EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Konsulenza u Gwida dwar il-Karrieri (Jobbcoachning och ärendehantering)	918	1 202	1 103 545
Impjieg protett u appoġġat u miżuri ta' riabilitazzjoni (Skyddad och understödd sysselsättning och rehabilitering)	20	12 555	251 108
Edukazzjoni u taħriġ (Utbildning och omskolning)	463	5 868	2 716 884
Subtotal (a):	—		4 071 537

Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati			(66,08 %)
Benefiċċji u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Benefiċċji għall-parteciċipanti f'attivitajiet ta' taħriġ tas-suq tax-xogħol (Utbildningsinsatser AUB, aktivitetsstöd)	102	11 904	1 214 194
Benefiċċji għall-parteciċipanti fi programmi ta' kollokament f'internships (Praktik, aktivitetsstöd)	80	8 183	654 660
Benefiċċji għall-parteciċipanti fil-programm ta' riabilitazzjoni "Introduzzjoni għax-xogħol" (Introduktion till arbete KA, aktivitetsstöd)	10	22 109	221 089
Subtotal (b):			2 089 943
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	(33,92 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
Attivitajiet preparatorji		–	0
Ġestjoni		–	362 387
Informazzjoni u pubbliċità		–	21 498
Kontroll u rapportar		–	51 166
Subtotal (c):			435 051
Perċentwal tal-ispejjeż totali:		–	(6,6 %)
Spejjeż totali (a + b + c):		–	6 596 531
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)		–	3 957 918

31. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbx il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. L-Iżvezja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet huma kundizzjonali fuq il-parteciċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tfittxija tal-impjegi jew taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

32. L-Iżvezja bdiet tipprowdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Ottubru 2015. Għalhekk in-nefqa għall-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Marzu 2018.
33. L-Iżvezja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ottubru 2015. In-nefqa fuq l-attivitajiet ta' thejġija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2018.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

34. Is-sors ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huwa l-baġit ta' Arbetsförmedlingen. Ericsson jew waħda mill-organizzazzjonijiet tas-sigurtà soċjali tista' tikkontribwixxi wkoll għal ċerti inizjattivi ta' proġetti, u b'hekk tiegħu post uħud mill-fondi ta' Arbetsförmedlingen.

35. L-Iżvezja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq, li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, mhumiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Proċeduri għal konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

36. L-Iżvezja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal wara konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira u mar-rappreżentanti, kif ukoll mal-atturi pubbliċi lokali. Wara n-notifika tas-sensji, Arbetsförmedlingen iltaqa' mar-rappreżentanti ta' Ericsson, mal-awtoritajiet lokali, mad-diversi unions kif ukoll mal-aġenziji tar-rikollokament fis-siti kollha tal-kumpanija li kienu soġġetti għall-proċeduri ta' sensji kollettivi. Fis-siti kollha, ġew organizzati sessjonijiet ta' ħidma mar-rappreżentanti tal-unions lokali biex tiġi diskussa l-applikazzjoni possibbli tal-FEG u sabiex jiġi identifikat il-pakkett xieraq ta' miżuri li se jiġi offrut.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

37. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. L-Iżvezja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi ġestita minn Arbetsförmedlingen, maħtura b'mod formali bħala l-awtorità ta' ġestjoni u tal-ħlas. Il-kontijiet tal-proġett se jiġu eżaminati mill-Unità tal-Verifika Interna, li hija entità separata marbuta mal-bord ta' Arbetsförmedlingen. Il-kompitu tagħha huwa li teżamina l-kontroll intern u l-proċess tal-verifika fis-servizz pubbliku tal-impjiegi u tissuġġerixxi titjib, kif ukoll tipprovdi pariri u appoġġ lill-Bord u lid-Direttur Ġenerali. L-awditjar tal-proġett se jseħħ fuq bażi regolari.

Impenji provduti mill-Istat Membru kkonċernat

38. L-Iżvezja pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
 - inżammet konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi,
 - Ericsson, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha li jirregolaw is-sensji u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,
 - l-azzjonijiet proposti mhux se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
 - l-azzjonijiet proposti se jkunu kumplimentari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

39. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom)

Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹³.

40. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u b'kont meħud tal-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni qed tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 3 957 918, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
41. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁴.

Atti relatati

42. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment ta' ammont ta' EUR 3 957 918 fl-intestatura baġitarja rilevanti.
43. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

¹³ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

¹⁴ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara l-applikazzjoni mill-Iżvezja – EGF/2016/002 SE/Ericsson

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁶, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013¹⁷.
- (3) Fil-31 ta' Marzu 2016, l-Iżvezja ssottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji f'Ericsson (Telefonaktiebolaget LM Ericsson) fl-Iżvezja. Kienet issupplimentata minn informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3 957 918 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Iżvezja.
- (5) Sabiex jiġi minimizzat iż-żmien meħud biex jiġi mobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

¹⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

¹⁶ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 3 957 918 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

*

Id-data li trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.